# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM it-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2017**

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 177/14JRM**

Elton **TALIANA**

vs

**ONOREVOLI MINISTRU GĦALL-INTERN U SIGURTA' NAZZJONALI** Dr Emanuel Mallia, Inġinier Keith Chetcuti bħala Segretarju u l-Imħallef *Emeritus* Dr Franco Depasquale bħala ċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Pulizija, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Frar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti ssib li l-egħmil tal-Bord intimat, konsistenti f'investigazzjoni ta' lment imressaq lilu mill-Ministru mħarrek u magħluqa bil-ħruġ ta' rapport nhar is-26 ta' Awwissu tal-2013, huwa null, ma jiswiex u m'għandu l-ebda effett għaliex l-egħmil tal-imsemmi Bord

imur lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tiegħu għaliex (i) ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali hu u jwettaq xogħlu, u/jew (ii) ma segwiex ħtiġijiet proċedurali mandatorji u/jew (iii) jammonta għal abbuż tas-setgħat tiegħu għaliex imtebba' b'għanijiet mhux xierqa u għab-bażi ta' kunsiderazzjonijiet irrilevanti u/jew għaliex (iv) imur kontra l-liġi billi ma jħarisx id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta li jwaqqaf u li jirregola l-egħmil tal-istess Bord. Talab ukoll l-ispejjeż u żamm sħiħ il-jedd tiegħu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minnu;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Frar, 2014[1], li bih ordnat in-Notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-1 ta' April, 2014, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu (i) li huma lkoll (ħlief għall-imħarrek Avukat Ġenerali) ma messhomx tħarrku u mhumiex il-kontradittouri leġittimi tal-pretensjonijiet tal-attur għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu iżjed fil-kawża bi spejjeż għall-istess attur; (ii) li l-azzjoni ma tistax titressaq kontra l-Bord, ladarba ma għandu l-ebda interess ġuridiku f'din il-kawża; (iii) li tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' u tqis il-kawża safejn din hija maħsuba li titlob stħarriġ ta' organu li l-funzjoni tiegħu hija limitata għal investigazzjoni u ħruġ ta' rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar tali investigazzjoni, u li ma jiħux deċiżjonijiet dwar kwestjonijiet in kontradittorju li jistgħu jkunu eżegwiti; u (iv) li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma tistax titressaq ladarba rapport maħruġ mill-Bord imħarrek la jorbot lil dik il-persuna li lilu jingħata u kull rakkomandazzjoni li ssir fih lanqas għandha konsegwenza legali. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu billi jiċħdu li l-Bord aġixxa b'mod *ultra vires*, u li ma kienx wieħed indipendenti;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fil-15 ta' Ġunju, 2014[2], bix-xhieda tiegħu f'affidavit meħmuż magħha;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Marzu, 2015[3], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari (dwar jekk il-Bord imħarrek huwiex azzjonabbli) billi rriżulta li kienet mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni prelimianari billi mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u ssib li għandha s-setgħa li tistħarreġ kemm is-siwi tal-ħatra u kif ukoll l-imġiba tal-Bord tal-Pulizija wara l-ħatra fil-każ speċifiku tal-attur. Ordnat ukoll li jitkompla is-smigħ tal-kawża;

[1] Paġġ. 13 – 14 tal-proċess
[2] Paġġ. 25 sa 31 tal-proċess
[3] Paġġ. 61 – 8 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2015[4], li bih ċaħdet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-18 ta' Marzu, 2015, biex jitħallew jappellaw mill-imsemmija sentenza preliminari;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Mejju, 2016[5], li bih ddikjarat magħluqa l-istadju tal-ġbir tal-provi, u ħalliet il-kawża sabiex il-partijiet irressqu s-sottomissjonjiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-11 ta' Lulju, 2016[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-7 ta' Settembru, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jilminta minn egħmil illegali u abbużiv dwar il-mod kif inħatar il-Bord tal-Pulizija (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord"), dwar kif kien kompost, dwar kif dan il-Bord mexxa l-ħidma tiegħu dwar investigazzjoni li kien intalab jagħmel fuq talba tal-Ministru mħarrek, u dwar ir-rapport maħruġ mill-istess Bord fl-istess investigazzjoni. L-attur jgħid li, fuq is-saħħa tar-rapport magħmul mill-Bord, tnedew kontrih proċeduri dixxiplinari min-naħa tal-Kummissarju mħarrek u għalhekk qiegħed jitlob li l-Qorti ssib li l-egħmil tal-Bord jitħassar billi dan mexa lil hinn mis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi u bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew li ma mexiex ma' ħtiġijiet proċedurali mandatorji jew b'għanijiet mhux xierqa u li, f'kull każ, ma jaqbilx mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[4] Paġ. 75 tal-proċess
[5] Paġ. 253 tal-proċess
[6] Paġġ. 254 – 259 tal-proċess
[7] Paġġ. 262 – 271 tal-proċess
[8] Paġ. 273 tal-proċess

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi , b'mod preliminari, qalu (i) li huma lkoll (ħlief għall-imħarrek Avukat Ġenerali) ma messhomx tħarrku u mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-attur għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu iżjed fil-kawża bi spejjeż għall-istess attur; (ii) li l-azzjoni ma tistax titressaq kontra l-Bord, ladarba ma għandu l-ebda interess ġuridiku f'din il-kawża; (iii) li tonqos f'din il-Qorti s-setgħa li tisma' u tqis il-kawża safejn din hija maħsuba li titlob stħarriġ ta' organu li l-funzjoni tiegħu hija limitata għal investigazzjoni u ħruġ ta' rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar tali investigazzjoni, u li ma jiħux deċiżjonijiet dwar kwestjonijiet in kontradittorju li jistgħu jkunu eżegwiti; u (iv) li l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma tistax titressaq ladarba rapport maħruġ mill-Bord imħarrek la jorbot lil dik il-persuna li lilu jingħata u kull rakkomandazzjoni li ssir fih lanqas għandha konsegwenza legali. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu billi jiċħdu li l-Bord aġixxa b'mod *ultra vires*, u li ma kienx wieħed indipendenti;

Illi bl-imsemmija sentenza preliminari, din il-Qorti iddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari (ii) u (iii);

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża,</u> jirriżulta[9] li l-attur huwa uffiċjal fil-korp tal-Pulizija fil-grad ta' Spettur. F'Awwissu tal-2013 huwa kien stazzjonat fl-Għassa ta' Birkirkara;

Illi fl-4 ta' Awwissu, 2013, kien seħħ "*hold-up*" fi stabiliment kummerċjali f'Birkirkara u l-attur kien mar fuq il-post mal-esperti maħtura mill-Maġistrat f'Inkjesta Maġisterjali. Fis-7 ta' Awwissu, l-attur kien mgħarraf (minn Suprintendent fil-Korp) li dakinhar l-iskwadra tal-Investigazzjoni Kriminali ressqet persuna (wieħed Darryl Luke Borġ) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati b'rabta mal-imsemmi "*hold-up*". Dik il-persuna ma kenitx ingħatat il-ħelsien mill-arrest;

Illi l-għada li kienet tressqet l-imsemmija persuna, l-attur kien irċieva tagħrif minn informatur li jgħidlu li l-persuna li kellha sehem fil-"*hold up*" kienet persuna differenti minn dik li lejliet kienet tressqet il-Qorti. Fuq is-saħħa ta' dan it-tagħrif, l-attur kiseb l-awtoriżżazzjoni mingħand il-Maġistrat tal-Għassa li jarresta 'il-persuna indikata lilu;

Illi matul iż-żmien li din il-persuna (wieħed Roderick Grech) kienet miżmuma mill-Pulizija u kelmet avukat li riedet hi, fid-9 ta' Awwissu ħalliet stqarrija li fiha ammettiet li kellha x'taqsam mal-imsemmi "*hold-up*". L-attur għarraf

---

[9] Affidavit tal-attur, f'paġġ. 26 sa 31 tal-proċess

b'dan lill-Maġistrat tal-Għassa u kien ordnat iressaq lill-persuna konċernata minnufih quddiem il-Qorti;

Illi, fid-9 ta' Awwissu, 2013, meta l-persuna tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, dik il-persuna stqarret il-ħtija tagħha fil-"*hold-up*" u dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha dakinhar. Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp, l-ewwel persuna li kienet tressqet mixlija bir-reat u li kienet inżammet taħt arrest, inħelset mill-arrest preventiv wara li min wettaq ir-reat kien stqarr ħtijietu;

Illi aktar tard dakinhar, l-attur issejjaħ għal laqgħa għand il-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' uffiċjali oħra tal-korp u l-għada, fl-10 ta' Awwissu, kien irċieva ordni minn superjur tiegħu biex imur id-Depot bid-dokumenti li kellu dwar l-investigazzjonijiet li kien għamel dwar il-każ;

Illi fl-istess jum tal-10 ta' Awwissu, 2013[10], il-Bord tlaqqa' b'urġenza fil-bini tal-Ministeru sabiex jinvestiga l-aġir tal-Pulizija dwar il-fatt li ġew imressqa żewġ persuni fuq l-istess każ, meta wieħed minnhom biss seta' kien l-awtur tas-serqa li seħħet jiem qabel. Il-laqgħa ssejħet wara ittra li l-Prim Ministru (fil-vesti tiegħu ta' Ministru responsabbli mill-Ministeru tas-Sigurta' u l-Intern[11]) bagħat fid-9 ta' Awwissu, 2013, lill-Bord dwar il-każ. Minn dakinhar stess, wara li ċ-*Chairman* indirizza lil membri tal-Istampa li kienu attendew, il-Bord sema' x-xhieda, fost l-oħrajn, tal-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien[12];

Illi l-ittra mibgħuta lill-Bord kienet tirreferi għar-rapporti li kienu qegħdin jidhru fl-istampa f'dawk il-jiem marbuta mal-akkużi magħmulin kontra Darryl Luke Borġ u Roderick Grech fuq is-serqa mwettqa "*fejn qed jiġi allegat li il-Pulizija res*(s)*qet liż-żewġ persuni indikati meta wieħed minnhom biss seta' kien l-awtur tad-delitt*". Fl-ittra, il-Bord intalab li "*Minħabba* (li) *tali aġir qiegħed jiġi allegat li huwa skorrett fil-konfront ta' persuna u il-liberta' tagħha u dan ukoll fil-konfront t'imġieba preġudizzjarja ta' membru jew membri tal-Korp tal-Pulizija, qiegħed a terminu tas-subinċiż (a) tal-Artikolu 49 tal-Kap 164 tal-Liġijiet ta' Malta, inġib 'l quddiem dan l-ilment sabiex minnek jiġi investigat skond il-poteri mogħtija lilek bil-liġi*";

Illi l-avviż pubbliku dwar il-ħatra tal-Bord deher fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Awwissu, 2013[13]. In-notifikazzjoni (numru 749) kienet iġġib id-data tas-16 ta' Awwissu, 2013, u kienet tgħid li kienet tintemm fl-aħħar tal-2014, imma ma tgħidx b'seħħ min meta kellha tibda. Jirriżulta li l-membri tal-Bord kienu mgħarrfin formalment bil-ħatra tagħhom b'ittra li ntbagħtet lil kull

[10] Ara Dok. "KM9" f'paġ. 224 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Charles Vella f'paġ. 233 tal-proċess)
[12] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġ. 242 tal-proċess
[13] Dok. "ET1" f'paġ. 92 tal-proċess

wieħed u kull waħda minnhom bid-data tal-20 ta' Awwissu, 2013[14], imma li kienet tgħarraf lill-persuni maħtura li l-ħatra tagħhom kienet ingħatat għal żmien ta' sentejn li jagħlaq fil-25 ta' Lulju, 2015 (fi kliem ieħor, il-ħatra kienet bdiet mis-26 ta' Lulju, 2013, u kienet maħsuba li tintemm f'data aktar tard minn dik li dehret bħala t-tmiem tal-ħatra fin-notifikazzjoni ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern);

Illi fis-16 ta' Awwissu, 2013, l-attur kien issejjaħ mis-segretarju tal-Bord, l-imħarrek Keith Chetcuti, biex jidher quddiem il-Bord fid-19 ta' Awwissu, 2013, fil-*boardroom* tal-Ministeru mmexxi mill-Ministru mħarrek u kien avżat li ried "*(t)wieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulek u biex (t)ipprovdi kull tagħrif li jista' jkun rilevanti għall-Bord fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu (art. 51(1) Kap 164)*"[15]. Huwa deher quddiem il-Bord u wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu. Ix-xhieda ngħatat mingħajr ma ngħata ġurament[16];

Illi jirriżulta illi barra l-attur (fid-19 ta' Awwissu, 2013), ittieħdet ix-xhieda ta' Uffiċjali oħra fil-Korp tal-Pulizija[17], kif ukoll dik ta' Darryl Luke Borġ u ommu, Jane Borġ[18] (fl-14 ta' Awwissu, 2013);

Illi fis-26 ta' Awwissu, 2013[19], il-Bord ħareġ ir-rapport (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ir-Rapport") tiegħu dwar il-każ;

Illi fit-2 ta' Settembru, 2013, il-Kummissarju mħarrek ħatar Bord ta' Inkjesta intern biex jistħarreġ l-imġiba fl-investigazzjoni u l-arrest ta' Darryl Luke Borġ. Il-Bord tal-inkjesta ħareġ ir-rapport relattiv fis-16 ta' Settembru, 2013[20]. L-azzjoni attriċi ma tirrigwardax dan ir-rapport;

Illi f'Ottubru tal-2013, l-attur irċieva avviż biex fid-29 ta' Novembru, 2013, jidher quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi proċeduri dixxiplinari meħudin kontrih b'rabta mal-każ;

Illi fl-24 ta' Frar, 2014, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi permezz ta' sentenza tas-16 ta' Marzu, 2015[21], din il-Qorti filwaqt illi laqgħet it-tieni eċċezzjoniji preliminari billi sabet li l-Bord tal-Pulizija mhuwiex sindakabbli f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni

---

[14] Dok "KM5", f'paġġ. 213 – 7 tal-proċess
[15] Dok. "ET2" f'paġ 145 tal-proċess
[16] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġ. 244 tal-proċess
[17] *Ibid* f'paġ. 243 tal-proċess
[18] Ara r-Rapport Numru PB/111/2013 f'paġ. 169 tal-proċess
[19] PB/111/2013 Dok "1", f'paġġ. 165 – 177 tal-proċess
[20] Dok. "GM1" f'paġġ. 178 sa 194 tal-proċess
[21] Paġġ. 61 – 8 tal-proċess

preliminari u sabet li l-Qorti għandha s-setgħa tistħarreġ il-mod kif twaqqaf il-Bord, kif ukoll kif mexa b'riżultat ta' dik il-ħatra;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti huma ta' żewġ xorta. Hemm dawk magħmula meħtieġa minħabba l-eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, u hemm dawk marbutin mal-mertu tal-azzjoni attriċi. Il-Qorti tqis illi l-ewwel li għandha tistħarreġ hija **r-raba' eċċezzjoni** li biha l-imħarrkin jgħidu li r-rapport tal-Bord ma jikkostitwix deċiżjoni, imma huwa biss rakkomandazzjoni, u m'għandu ebda rabta jew konsegwenza legali. Għaldaqstant l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju f'ċirkostanza bħal din ma tistax titressaq;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhix tajba għar-raġunijiet li ġa tenniet fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 2015. Kemm taħt is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju in ġenerali u kif ukoll taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istħarriġ li tista' tintalab tagħmel din il-Qorti jgħodd għal kull deċiżjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot liċ-ċittadin, kemm jekk tkun fis-sura ta' deċiżjoni li torbot, u kif ukoll jekk tkun fis-sura ta' rapport li fuqu l-awtorita' pubblika ssejjes id-deċiżjoni aħħarija tagħha, imqar jekk tali rapport ikun jikkostitwixxi l-motivazzjonijiet li fuqhom l-istess awtorita' pubblika mbagħad issejjes id-deċiżjonijiet tagħha. Il-liġi ma tagħtix tifsira ta' x'tista' tkun 'deċiżjoni' għall-finijiet ta' x'jaqa' taħt il-kliem 'egħmil amministrattiv'. Jidher li, sakemm xi deċiżjoni ma tkunx biss komunikazzjoni ta' tagħrif[22], il-Qrati jistgħu jintalbu li jistħarrġuha fil-limiti ta' stħarriġ tas-siwi tagħha bla ma jindaħlu fil-mertu tagħha[23];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, b'riħet l-imsemmi Rapport, ittieħdet deċiżjoni għaliex, skond ma irrakkomanda l-Bord, il-Kummissarju mħarrek nieda kontra l-attur proċeduri dixxiplinari dipartimentali (quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku) bil-konsegwenzi kollha li dan inissel. Ma ntweriex li l-Kummissarju ħa l-imsemmija deċiżjoni lil hinn minn dak li kien irrakkomanda l-Bord jew mingħajr ma qies ir-Rapport;

Illi fid-dawl ta' din il-kunsiderazzjoni u għar-raġunijiet fuq mogħtija, il-Qorti sejra tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari bħala waħda li mhix mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ewwel eċċezzjoni** li biha l-imħarrkin**,** ħlief għall-imħarrek Avukat Ġenerali, jisħqu li ma messhomx tħarrku u għaldaqstant mhumiex il-kontradditturi leġittimi tal-pretensjonijiet tal-attur għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti għal

---

[22] Ara App. Ċiv. **3.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Jupiter Co Ltd et vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

[23] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika noe et***; u Maġ (Għ) JD **7.12.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Av. D. Alfred Grech noe et vs Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar*** (mhix appel lata)

darb'oħra tirreferi għas-sentenza tagħha tas-16 ta' Marzu, 2015, li biha l-Bord nstab li mhux azzjonabbli. Isegwi li jonqos fil-Bord dak l-interess meħtieġ biex ikun parti f'kawża. Minbarra dan, l-ilmenti jew "aggravji" mqanqlin mill-attur fir-Rikors promotur ma jattribwixxu bl-ebda mod lill-president tal-Bord u lis-segretarju tiegħu xi mġiba li dwarha jitlob li l-Qorti tagħmel xi stħarriġ[24]. Kemm l-imsemmi president u kif ukoll l-imsemmi segretarju tħarrku f'din il-kawża fil-vesti tagħhom fi ħdan l-imsemmi Bord. Għalhekk, b'konsegwenza tal-fatt li din il-Qorti sabet li l-Bord mhux azzjonabbli u l-imsemmija żewġ imħarrkin ma tħarrkux fi kwalita' oħra għajr dik li kellhom fi ħdan il-Bord, joħroġ li kemm l-imħarrek Inġinier Keith Chetcuti bħala s-Segretarju tal-Bord u kif ukoll l-imħarrek Imħallef Emeritu Dr Franco Depasquale bħala ċ-*Chairperson* tal-Bord, tħarrku ħazin, u jmisshom jinħelsu milli jibqgħu iżjed fil-kawża;

Illi jibqa' għaldaqstant li jiġi mistħarreġ il-*locus standi* tal-imħarrkin Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Fir-rigward tal-Ministru konċernat, il-qofol tal-ilmenti tal-attur huma tlieta: l-ewwel, li kien hemm indħil minn uffiċjali li jaħdmu fl-istess Ministeru fit-tmexxija tal-Bord[25] u li ndaħlu sabiex jitressqu bħala xhieda quddiem il-Bord persuni mgħarrfa mill-istess uffiċjali tal-Ministru (l-attur jgħid li saħansitra ġie offrut is-servizz tagħhom biex jassiguraw li jitilgħu jixhdu fil-ħin); it-tieni, li s-smigħ sar fil-bini tal-Ministeru konċernat; u t-tielet, li l-ħatra ta' bosta mill-membri tal-Bord kienet tinvolvi persuni "qrib" il-Gvern jew b'rabtiet ma' partit politiku, kif ukoll li l-ħatra tagħhom kif imħabbra mill-Ministru konċernat saret bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li l-ħatra tal-Membri tal-Bord ma ssirx mill-Ministru iżda mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi jrid jingħad li l-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum irid jitqies fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kap 164 kif kienu fis-seħħ fi żmien il-ġrajjiet rilevanti. Dik il-liġi[26] llum m'għadhiex fis-seħħ għaliex minflokha ddaħħlet liġi oħra[27] li, madankollu, fid-dispożizzjoni transitorja tagħha[28] ħalliet bla mittiefes dak kollu li kien sar (jew naqas milli jsir) fiż-żmien li d-dispożizzjonijiet kienu għadhom ma tħassrux. Fost il-bidliet li saru kien hemm it-tneħħija tal-Bord u t-twaqqif

---

[24] Ara P.A. PS **16.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Power Projects Ltd vs Stephen Aġius et*** (mhix appellata)
[25] Speċifikatament għal fatt li ssejħet il-media
[26] Mwaqqfa bis-saħħa tal-Ordinanza II tal-1961 (kif emendata maż-żmien)
[27] Att XVIII tal-2017 li jġib l-isem tal-Att tal-2017 dwar il-Pulizija, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' April, 2017, u li wkoll jissejjah Kap 164 tal-Liġijiet ta' Malta
[28] Art. 108 tal-Kap 164 (il-ġdid)

minfloku tal-Bord Indipendenti għall-Ilmenti dwar il-Pulizija[29] (li ħafna missetgħat li ngħata huma l-istess li kien igawdi l-Bord);

Illi l-Qorti qieset fit-tul dwar il-qagħda li tippreżenta ruħha f'dan il-każ, u sabet illi mid-dokumenti mressqa, il-Ministru mħarrek huwa mitlub iwieġeb kemm għax-xiljiet marbuta mal-ħatra tal-membri tal-Bord, kif ukoll għal aġir ta' xi uffiċjali li jaħdmu fid-dikasteru tiegħu matul iż-żmien li l-Bord kien qiegħed jiffunzjona sakemm ħareġ ir-Rapport mertu tal-każ. Il-Qorti qieset ukoll li d-difiża mressqa mill-għaref difensur tal-imħarrkin b'sostenn għal din l-eċċezzjoni tintrabat biss mal-aspett tal-ħatra tal-membri tal-Bord u ma tindirizzax l-ilmenti l-oħra tal-attur. L-ilmenti l-oħrajn tal-attur tabilfors jorbtu l-għemil tal-istess Ministru mħarrek mat-talba (waħdanija) tiegħu għat-tħassir tal-operat kollu tal-Bord li wassal għall-ħruġ tar-Rapport. B'mod partikolari, il-Qorti tara li, bil-liġi, bosta mill-funzjonijiet li l-Bord irid jaqdi jorbtuh li jgħarraf lill-istess Ministru jew jimxi taħt id-direzzjoni ministerjali tiegħu[30], u, saħansitra, fejn jirrigwarda l-ħruġ ta' rapporti, il-liġi tagħmilha mandatorja li l-Bord jibgħathom lill-Ministru u wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija[31];

Illi fir-rigward tal-Kummissarju mħarrek, mid-dokumenti mressqa jirriżulta li dan kien il-persuna li ħatar inkjesta interna u, minkejja li dik l-inkjesta ma kinitx tirrigwarda l-imġiba tal-attur (imma ta' kollegi oħrajn tiegħu), ħareġ akkużi kontra l-attur u nieda l-proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[32];

Illi l-imħarrkin jilqgħu billi jistrieħu fuq ix-xhieda, li ħadd ma miera, tal-Assistent Kummissarju Mario Spiteri[33] li minnha joħroġ li l-Bord huwa maqtugħ mill-Korp tal-Pulizija, li ebda membru fuq il-Bord ma jirrappreżenta lill-Kummissarju, u l-Kummissarju ma għandu ebda kompetenza fil-ħatra tal-membri tal-istess Bord jew fuq kif il-Bord jimxi fl-istħarriġ li jintalab jagħmel;

Illi minn qari u stħarriġ tal-ilmenti tal-attur lill-Qorti jirriżultalha illi t-talba attriċi hija indirizzata lejn l-aġir tal-Bord u mhux lejn dik tal-Kummissarju. Mid-dokumenti mressqa, jirriżultalha wkoll li l-Kummissarju mexa għal rasu mill-Bord u saħansittra ħatar inkesta interna barranija għall-istħarriġ li kien qiegħed jagħmel il-Bord[34]. Ma jirriżultax li l-Kummissarju huwa wieħed mill-membri tal-Bord[35];

[29] Art. 35 tal-Kap 164 (il-ġdid)
[30] Ara art. 49(a), (ċ), (d), (ġ) u (ħ) tal-Kap 164 (il-qadim)
[31] Art. 49(f) tal-kap 164 (il-qadim)
[32] Ara affidavit tal-attur f'paġġ. 30 – 1 tal-proċess
[33] Ara x-xhieda ta' Ass. Kumm. Mario Spiteri f'paġ. 236 tal-proċess
[34] Ara Dok. GM1 f'paġġ. 178 – 194 tal-proċess
[35] Ara Dok. "ET1" f'paġ. 92 tal-proċess

Illi l-Qorti rat ukoll id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta li jittrattaw dwar it-twaqqif tal-Bord, id-deċizjonijiet meħuda minnu, u r-rapporti li jkun ħejja, fost ħafna oħrajn. Tagħraf li l-ħatra tal-membri tal-Bord issir mill-President ta' Malta li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru[36], u mal-ebda persuna li tkun uffiċjal pubbliku jew membru jew uffiċjal ta' Korp imwaqqaf bil-liġi ma tista' tinħatar bħala membru tal-Bord[37]. Meta jirriżulta li l-kwistjoni li jkollu quddiemu l-Bord tinvolvi proċedimenti ta' azzjoni kriminali, il-Bord għandu jirreferi r-riżultanzi tiegħu lill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija[38], u ta' kull kull sena, il-Bord jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu, fost l-oħrajn, lill-Kummissarju[39];

Illi, minkejja dan, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-Kummissarju mħarrek huwa hekk 'il barra mix-xena daqskemm jgħid. Mill-provi ħareġ li hija ħaġa normali u li ilha ssir is-snin[40] li l-Kummissarju jirrelata mal-Bord u saħansitra jintalab il-fehma tiegħu fuq xi każijiet li jirrigwardaw ilmenti li jkunu tressqu kontra uffiċjali tal-Korp. Imma għal dak li jmiss il-każ speċifiku tallum, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni li l-istess Kummissarju mħarrek iniedi proċeduri dixxiplinari kontra l-attur ittieħdet u kienet influwenzata mir-Rapport. Ma setgħetx kienet influwenzata mir-rapport tal-bord ta' inkjesta interna li huwa waqqaf għaliex f'dak ir-rapport jingħad espressament li l-inkarigu tal-bord "*kien wieħed limitat għall-investigazzjoni, arrest, u l-akkuża taħt arrest quddiem il-Qorti fil-konfront ta' Darryl Luke Borg, u għaldaqstant ma kellux l-inkarigu li jidħol fil-mertu ta' investigazzjoni u akkuża fil-konfront ta' Rodrick Grech*"[41]. Kien ir-Rapport tal-Bord li stħarreġ l-imġiba tal-attur u kien dan ir-Rapport li irrakkomanda t-teħid ta' proċeduri dixxiplinari kontra l-attur. Huwa wkoll fattur rilevanti li, kronoloġikament, il-Kummissarju mħarrek waqqaf il-bord tal-inkjesta interna ġimgħa wara li l-Bord ħareġ ir-Rapport. Meta l-Kummissarju mħarrek mexxa l-proċeduri dixxiplinari kontra l-attur kien jaf bir-Rapport;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tqis li l-Kummissarju mħarrek imissu jkun parti f'din il-kawża sakemm hija tistħarreġ l-ilment tal-attur. Għalhekk, l-eċċezzjoni tiegħu ma jmisshiex tintrabat biss mat-tħaddim litterali tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-Qorti tqis li l-Kummissarju mħarrek għandu l-interess ġuridiku bħala kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur;

Illi fid-dawl ta' dawn is-sejbiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li, filwaqt li l-eċċezzjoni tal-president u tas-segretarju tal-Bord imħarrek hija tajba u sejra

[36] Art. 48(1) tal-Kap. 164
[37] Art. 48(4) tal-Kap. 164
[38] Art. 53 tal-Kap. 164
[39] Art. 57 tal-Kap. 164
[40] Xhieda tal-Imħallef Emeritu FrancoDepasquale f'paġ. 244 tal-proċess
[41] Dok "GM1", f'paġ. 191 tal-proċess

teħlishom milli jibqgħu fil-kawża, l-eċċezzjoni tal-Ministru u tal-Kummissarju mħarrkin mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **it-talba attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha**. F'kawża ta' din ix-xorta il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali huma marbuta ma' għemil amministrattiv li l-parti attriċi qiegħda tattakka. L-attur jilminta mill-mod kif twaqqaf il-Bord u wkoll dwar is-siwi tar-Rapport maħruġ minnu. Fir-Rikors promotur tiegħu huwa jsemmi sensiela ta' aggravji li jsejsu t-talba tiegħu biex din il-Qorti tistħarreġ il-każ tiegħu. Dawn l-ilmenti jinġabru taħt sitt irjus: (i) li meta l-Bord beda jistħarreġ il-każ tal-attur, ma kienx għadu formalment maħtur; (ii) li wħud mill-persuni li nħatru fuq il-Bord "iġorru magħhom konnessjonijiet ma' deputati tal-Gvern li minnu jifforma parti l-intimat Ministru għas-Sigurta' u Intern"; (iii) li l-Bord żamm il-laqgħat tiegħu fil-bini tal-Ministeru, minflok fil-bini dedikat lill-istess Bord; (iv) li wħud mix-xhieda ssejħu biex jidhru quddiem il-Bord, mhux mill-istess Bord u lanqas mill-Kummissarju tal-Pulizija, imma minn uffiċjal fil-Ministeru; (v) li meta hu ntalab jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Bord, ma ngħatax il-ġurament; u (vi) ma ngħatax il-garanziji tal-jeddijiet tiegħu ta' ħaqq naturali billi, fl-ebda waqt, ma kien mgħarraf li kienet qiegħda ssir investigazzjoni dwaru u li b'dak li qal seta' jinkrimina lilu nnifsu, u li n-natura vera tal-istħarriġ li għamel il-Bord raha biss meta qara r-Rapport;

Illi f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni li tkun ħaddnet xi persuna jew awtorita' pubblika, sakemm id-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni bħal dik ma titteħidx b'mod lil hinn ('ultra vires') mis-setgħat mogħtija lil dik l-persuna jew awtorita' li tkun eżerċitat l-għażla jew jekk l-għażla tkun saret bi ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali jew inkella ttieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti jew kontra l-liġi. Fi kliem l-awturi f'dan il-qasam: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*"[42];

Illi madanakollu, meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrattiv trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorita' li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-ligi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorita' tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta'

[42] O. Hood Phillips & Jackson, O. Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law, (7th Edt, 1987), f'paġ. 661

diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ġustizzja naturali[43];

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif il-persuna jew l-awtorita' pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[44], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik il-persuna jew awtorita'[45]. U għalhekk, sakemm dan l-eżercizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorita' li tkun wettqet l-istess għemil[46];

Illi fid-dawl tal-qafas legali li għadu kif isemma, il-Qorti se tqis l-ilmenti tal-attur waħda waħda fl-ordni li ssemmew hawn fuq, għalkemm il-kunsiderazzjonijiet ta' wħud minnhom tabilfors jirkbu fuq xulxin;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tempestivita' tal-ħatra tal-Bord**, jirriżulta mill-provi mressqin mill-partijiet li fil-11 ta' Frar, 2012, il-Ministru responsabbli mill-Pulizija ta' dak iż-żmien għarraf lill-membri tal-Bord li reġgħu ġew maħtura bħala membri għal perjodu ta' sentejn, u dan sat-28 ta' Frar, 2014[47]. Dakinhar, il-Bord kien magħmul mill-Imħallef Emeritu Franco Depasquale bħala predsident, Gemma Sirol, Paul Aġius, il-Prokuratur Legali Paul Saliba u Pio Scerri (li kien is-segretarju tal-Bord);

Illi mal-bdil tal-amministrazzjoni fil-Gvern wara l-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Marzu tal-2013, permezz ta' ittra tat-12 ta' Marzu, 2013[48], mibgħuta lil kull wieħed u waħda mill-membri tal-Bord, huma ntalbu joffru r-riżenja tagħhom sa mhux aktar tard mill-14 ta' Marzu[49] u ġew mgħarrfa li din ir-riżenja kellha tiġi fis-seħħ jekk u kemm-il darba tiġi aċċettata mill-Ministru responsabbli mill-Pulizija;

Illi l-Bord tlaqqa' fl-14 ta' Marzu, 2013[50], u l-president irriferihom għall-ittra elettronika li kienet intbagħtet dwar sa meta kellha tintbagħat l-offerta tar-riżenja u li, sakemm tali riżenja tintlaqa' formalment mill-Ministru, il-Bord kif kompost kellu jibqa' jwettaq il-ħidma tiegħu;

---

[43] P.A. **26.3.2009** fil-kawza fl-ismjiiet ***Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet*** (mhix appellata)
[44] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)
[45] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix appellata)
[46] App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et*** fost oħrajn
[47] Dok. "KM1" f'paġġ. 201 – 5 tal-proċess
[48] Dok. "KM2" f'paġġ. 206 – 210 tal-proċess. Fil-każ ta' Gemma Sirol, l-ittra ġġib id-data tal-11 ta' Marzu, 2013
[49] Dok "KM3", f'paġ. 211 tal-proċess
[50] Dok "KM4" f'paġ. 212 tal-proċess

Illi l-Ministru ma ikkomunika bl-ebda mod ma' xi wieħed jew waħda mill-membri tal-Bord li kien laqa' l-offerta tar-riżenja tagħhom, sa ma fit-28 ta' Awwissu, 2013[51], intbagħtitilhom ilkoll (għajr lill-president) ittra li kien tgħid li kien inħatar Bord ġdid u li l-offerta tagħhom ta' riżenja kienet intlaqgħet;

Illi l-Bord il-ġdid tlaqqa' għall-ewwel laqgħa tiegħu fl-10 ta' Awwissu, 2013[52], u dan sabiex jinvestiga b'urġenza l-kontenut tal-ittra mibgħuta mill-Prim Ministru dwar l-aġir tal-Pulizija fuq il-fatt li tressqu l-Qorti żewġ persuni fuq l-istess każ, meta wieħed minnhom biss seta' kien l-awtur tas-serqa li seħħet ġranet qabel;

Illi fis-16 ta' Awwissu, 2013, dehret in-notifikazzjoni uffiċjali (749) fil-Gażżetta tal-Gvern bit-tħabbira tal-Bord il-ġdid. Il-Bord kien magħmul mill-Imħallef Emeritu Franco Depasquale, bħala president, mill-Inġinier Keith Chetcuti, Victor Gruppetta, l-Avukat Deandra Schembri u l-Avukat David Farruġia Sacco. Mill-avviż li deher fil-Gażżetta, il-ħatra tal-membri l-ġodda ġġib id-data tas-16 ta' Awwissu, 2013[53] u jidher li kienet għal żmien ta' sena u erba' xhur, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru, 2014, filwaqt li fl-ittra tal-20 ta' Awissu, 2013[54], l-membri l-ġodda ġew mgħarrfa li l-ħatra tagħhom kienet għal żmien ta' sentejn, sal-25 ta' Lulju, 2015;

Illi l-attur jgħid li mill-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li ħareġ mill-provi mressqa, il-Bord fl-ebda waqt tal-ħidma tiegħu ma kien kostitwit sewwa kif titlob il-liġi. Minbarra li jisħaq li, fit-tmexxija tal-proċedura, l-istess Bord naqas milli jħares il-ħtiġijiet proċedurali mandatorji li titlob l-istess liġi li taħtha huwa mwaqqaf, l-attur iqis ukoll li kull ħidma li saret mil-Bord qabel is-16 ta' Awwissu, 2013, ma tiswiex għaliex tippreċedi l-ħatra uffiċjali tal-istess Bord;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin jisħqu li l-ħatra uffiċjali tal-Bord issir mill-President tar-Repubblika u mhux minn meta jidher l-avviż ta' tali ħatra fil-Gażżetta tal-Gvern, u lanqas mid-data ta' ittra li tintbagħat lill-membri hekk maħtura biex tgħarrafhom bil-ħatra tagħhom. Huma jixlu lill-attur li naqas li jġib il-prova ta' meta l-President tar-Repubblika għamel tali ħatra;

Illi l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel u fil-parametri ta' dak li jista' jsir f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju, huwa dwar il-kompożizzjoni tal-Bord fil-jiem jew ġimgħat rilevanti għall-każ. Ewlenija fosthom hija l-konsiderazzjoni dwar it-tmiem tal-ħatra tal-membri tal-Bord preċedenti u l-ħatra tal-membri tal-Bord il-ġdid. Dan qed jingħad għaliex

[51] Dok "KM6", f'paġġ. 218 sa 221 tal-proċess
[52] Dok. "KM9" f'paġ. 224 tal-proċess
[53] Dok. "ET1" f'paġ. 92 tal-proċess
[54] Dok. "KM5" f'paġ. 213 – 7 tal-proċess

kemm-il darba kellu jirriżulta illi l-Bord ma kellux is-setgħa li jinvestiga, ikun ifisser li kulma sar minnu huwa bla ebda siwi;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*a tribunal may also lack jurisdiction if it is improperly constituted*"[55]. F'każ bħal dan, il-Qrati għandhom is-setgħa li jistħarrġu s-siwi tal-ħidma ta' tribunali jew awtoritajiet amministrattivi jekk kemm-il darba jitqanqal id-dubju dwar ir-regolarita' tal-kompożizzjoni tagħhom jew tal-mod kif ikunu twaqqfu[56] jew fejn ikun hemm xi element ta' skwalifika fir-rigward ta' xi membru maħtur biex jagħmel parti minn tali tribunal jew awtorita'[57];

Illi t-twaqqif tal-Bord kien regolat mill-artikolu 48 tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta. Dak l-artikolu kien jipprovdi li l-membri maħtura għandhom jibqgħu fil-kariga għal żmien sentejn mill-ewwel jum ta' Jannar tas-sena relattiva għall-ħatra tagħhom[58] u kemm-il darba, matul is-sena, jkun hemm xi vakanza fil-Bord minħabba, fost oħrajn, xi riżenja, il-post tagħhom għandu jimtela minn ħatra ta' persuni oħra u jiġu hekk maħtura għal bqija taż-żmien ta' kariga tal-preċedessur tiegħu;

Illi l-Qorti hi rinfaċċata bi tlett dati li possibilment jistgħu jissarfu fid-data tal-ħatra tal-membri tal-Bord. Fis-16 ta' Awwissu, 2013, l-ismijiet tal-membri tal-Bord ġew mgħarrfa lill-pubbliku permezz ta' notifikazzjoni uffiċjali fil-ħarġa ta' dakinhar tal-Gażżetta tal-Gvern. L-imħarrkin jgħidu li n-notifikazzjoni saret biss għal skop ta' informazzjoni, filwaqt illi l-attur jgħid li hija d-data li biha l-membri tal-Bord ġew maħtura uffiċjalment. Flimkien ma' dan, kien hemm l-ittra tal-20 ta' Awwissu, 2013, li biha l-membri tal-Bord ġew mgħarrfa mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru konċernat bil-ħatra tagħhom. L-imħarrrkin jiskartaw din id-data u jistrieħu fuq ix-xhieda mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Ministeru konċernat li l-Bord ġie maħtur fil-25 ta' Lulju, 2013[59];

Illi min-naħa l-oħra, il-Bord preċedenti kien maħtur għal żmien li kellu jagħlaq fit-28 ta' Frar, 2014. Minbarra li dak iż-żmien ma jħarisx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48(2) tal-Kap 164, inħalqet ċirkostanza partikolari f'Marzu tal-2013. Fit-12 ta' Marzu, 2013, il-membri tal-Bord (magħdud magħhom il-president tiegħu) intalbu joffru r-riżenja tagħhom. Jidher li lkoll għamlu hekk fl-14 ta' Marzu, 2013. Madankollu, dik tagħhom kienet biss offerta ta' riżenja u mhux riżenja effettiva. Kemm hu hekk, f'ittra elettronika li ntbagħtitilhom l-għada[60] (bħalma jidher li ntbagħtet li kull min kien f'qagħda bħalha f'xi bord statutorju) ingħad b'mod ċar li r-riżenja kellha tkun effettiva biss ("*only if and when*") il-

[55] J.M. Evans _Judicial Review of Administrative Action_ (4th Edit, 1980) f'paġ. 111
[56] Ara, b'eżempju, ***R vs Inner London Q.S. ex p. D'Souza*** [**1970**] 1 W.L.R. 376
[57] Ara, b'eżempju, ***R. vs Cheltenham Commissioners*** [**1841**] 1 Q.B. 467
[58] Art. 48(2) tal-Kap 164
[59] Ara x-xhieda ta' Charles Vella f'paġ. 235 tal-proċess
[60] Dok "KM3", f'paġ. 211 tal-proċess

Ministru konċernat kien jgħarraf formalment li jkun laqagħha, għaliex jingħad ukoll li, sakemm tkun formalment milqugħa r-riżenja, il-Bord kellu jibqa' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu bħal qabel. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, minkejja li l-membri kollha tal-Bord kienu offrew ir-riżenja f'Marzu tal-2013, il-Bord ma kienx xolt u, għall-kuntrarju, kien mistenni li jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu. Din il-qagħda jidher li baqgħet hekk sal-10 ta' Awwissu, 2013, ukoll għaliex mill-provi mressqa ħareġ li bħala fatt il-Bord baqa' jitlaqqa'[61]. Kemm hu hekk, jidher mill-provi dokumentali li bejn il-laqgħa tal-14 ta' Marzu, 2013 (li kienet iġġib in-numru 330)[62] u l-laqgħa tas-16 ta' Awwissu, 2013 (li kienet iġġib in-numru 341)[63] inżammu xejn anqas minn għaxar (10) laqgħat oħra tal-Bord "il-qadim";

Illi l-Qorti ma nagħtat l-ebda tifsira u lanqas ma ntweriet xi prova dwar kif ġara li, fl-10 ta' Awwissu, 2013, meta tlaqqa' (b'urġenza) l-Bord għall-ewwel darba biex jieħu konjizzjoni tal-ittra mibgħuta mill-Prim Ministru, dawk li ltaqgħu (jiġifieri l-membri l-ġodda flimkien mal-president li kien hemm qabel) saru jafu bil-ħatra tagħhom fil-Bord (u min kien li sejħilhom biex jattendu għaliha), ladarba l-ewwel indikazzjoni uffiċjali dehret biss fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Awwissu, 2013, u meta l-ittra tal-ħatra tagħhom intbagħtitilhom fl-20 ta' Awwissu. Sa dak inhar u sa minn tal-anqas tmintax-il jum wara, il-membri li kienu jagħmlu parti mill-Bord (il-qadim) lanqas kienu għadhom ġew mgħarrfa mill-Ministru li r-riżenja tagħhom kienet intlaqgħet. Iċ-*Chairperson* tal-Bord li reġa' kien konfermat fil-ħatra, xehed li hu kien mgħarraf b'telefonata li kien inħatar bord ġdid[64];

Illi fi kliem l-attur, l-ittra tat-28 ta' Awwissu, 2013 għandha ssarraf bħala l-ittra ta' aċċettazzjoni tar-riżenja, filwaqt illi l-imħarrkin jilqgħu u jgħidu li l-ittra tat-28 ta' Awwissu, 2013, kellha effett retroattiv mid-data tal-ħatra tal-membri l-ġodda, jiġifieri dik tal-25 ta' Lulju, 2013;

Illi l-Qorti tqis li dawn iċ-ċirkostanzi ħalqu qagħda anomala għall-aħħar għaliex, fil-fehma tagħha, f'waqt wieħed kien hemm żewġ bordijiet kostitwiti taħt l-istess liġi bl-istess setgħat. Għall-kuntrarju ta' dak sottomess mill-għaref difensur tal-imħarrkin, dawn id-diskrepanzi mhumiex formalitajiet ta' ftit siwi: huma diskrepanzi li jqanqlu mistoqsijiet sostanzjali. Waħda minn dawn, u li hija ewlenija fil-każ imressaq mill-attur, hija għaliex il-każ tal-attur tressaq quddiem Bord u mhux quddiem l-ieħor li kien suppost għadu jiffunzjona;

Illi wkoll kieku wieħed kellu jilqa' l-argument tal-imħarrkin li l-Bord il-ġdid inħatar b'seħħ mill-25 ta' Lulju, 2013, il-Bord ta' qabel seta' jiġi xolt biss

---

[61] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġ. 248 tal-proċess
[62] Dok "KM4", f'paġ. 212 tal-proċess
[63] Dok "KM9", f'paġ. 224 tal-proċess
[64] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġ. 250 tal-proċess

(“*only if and when*” kien il-kliem użat fl-ittra mibgħuta f’isem l-istess Ministru minn ħadd anqas mid-Direttur Ġenerali fl-istess Ministeru) malli l-Ministru jikkomunika l-aċċettazzjoni tiegħu tal-offerta tar-riżenja tagħhom. Dan hu għamlu fit-28 ta’ Awwissu, 2013, jiġifieri aktar minn xahar wara li kien allegatament inħatar il-Bord il-ġdid;

Illi l-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dawn id-diskrepanzi għaliex, fl-ewwel lok, tkun qiegħda taċċetta li avviżi uffiċjali li l-Gvern joħroġ fil-Gażżetta Uffiċjali ma jkunu jiswew xejn, meta l-liġi nnifisha tgħid li l-atti pubbliċi maħruġin fil-Gażżetta tal-Gvern jikkostitwixxu prova ammissibbli bla ma jkunu jeħtieġu prova oħra[65]. Ikun ifisser ukoll, fit-tieni lok, li taċċetta li bejn avviż uffiċjali u komunikazzjonijiet privati (ukoll jekk jintbagħtu minn Ministeru) jipprevalu dawn tal-aħħar, filwaqt li l-pubbliku jkun ingħata x’jifhem mod ieħor. Fit-tielet lok, għalkemm skond il-liġi rilevanti (Kap 164), is-siwi ta’ ħatra fil-Bord mhijiex marbuta mal-pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern[66], iċ-ċirkostanzi tal-ittra tal-ħatra u t-tagħrif essenzjali l-ieħor irid jintrabat mat-tagħrif mogħti f’tali pubblikazzjoni. Fir-raba’ lok, ma jirriżulta minn imkien li, uffiċjalment, il-President (fuq rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru) kien tassew ħatar il-Bord fil-25 ta’ Awwissu, 2013. Tispikka wkoll b’mod li tolqot l-għajn kif, mill-ħames (5) notifikazzjonijiet uffiċjali li dehru fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tas-16 ta’ Awwissu, 2013, dwar ħatriet jew kostituzzjonijiet ta’ bordijiet jew awtoritajiet pubbliċi statutorji oħra, dik relattiva għall-ħatra tal-Bord biss ma kenitx issemmi d-data minn meta kienu jseħħu l-ħatriet il-ġodda[67];

Illi, b’żieda ma’ dan kollu, il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument tal-imħarrkin li bih jitfgħu fuq l-attur il-piż li jipprova d-data meta l-President tar-Repubblika ta l-ħatra lill-Bord. Il-Qorti tgħid li l-piż kien jaqa’ fuq l-imħarrkin li jġibu din il-prova, ladarba qalu li wieħed għandu joqgħod fuqha u mhux fuq id-dati tan-notifikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern jew tal-ittra individwali tal-ħatra mibgħuta lill-membri tal-Bord. Dan jingħad lil hinn mill-fatt li l-president tal-Bord xehed li hu kien mgħarraf (bit-tiġdid) tal-ħatra tiegħu mill-Ministeru, u dan sar b’telefonata, u jgħid li qatt ma irċieva verżjoni miktuba[68];

Illi minn dawn il-konsiderazzjonjiet, il-Qorti tasal għal fehma li ma tistax toqgħod fuq id-data tal-25 ta’ Lulju, 2013, bħala d-data effettiva meta nħatar il-Bord. L-imħarrkin ma ressqu l-ebda dokument li juri li fil-fatt il-President ta’ Malta ħatar lill-membri tal-Bord fil-25 ta’ Lulju, 2013. L-imħarrkin kienu jafu li din hija kwestjoni imqajma mill-attur sa mill-bidunett tal-kawża u, minkejja dan, ma ressqux prova tanġibbli u affidabbli dwarha. L-argument tagħhom li d-data tal-ħatra kienet waħda retrospettiva ma tistax tintlaqa’, bla ma fl-istess

[65] Art. 627(ċ) tal-Kap 12
[66] Ara App. Ċiv. **8.05.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Christine Podesta’ et vs. L-Onor. Ministru tal-Finanzi et***
[67] Ara Dok “KM8”, f’paġġ. 223 – 4 tal-proċess
[68] Xhieda tiegħu f’paġ. 249 tal-proċess

waqt ma tkunx qiegħda tammetti li, għal numru ta' ġimgħat, kien hemm żewġ entitajiet li jissejħu bl-istess isem u li jwettqu l-istess funzjonijiet statutorji (meta l-liġi dan ma kinitx tipprevedih). Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, id-data tal-ħatra tal-membri tal-Bord għandha tintrabat mad-data meta kull wieħed minnhom ġie mgħarraf bil-ħatra tiegħu, u li din il-ħatra ma titqiesx li bdiet isseħħ qabel ma ġie xolt formalment il-Bord ta' qablu;

Illi hija tal-fehma tal-Qorti wkoll li l-Bord seta' jibda jwettaq il-ħatra tiegħu wara li tkun intlaqgħet kif imiss l-offerta tar-riżenja tal-membri tal-Bord ta' qablu, għaliex huwa biss f'dak il-waqt li l-Bord ta' qabel kien xolt u l-Bord il-ġdid seta' "*jibqa' f'dik il-kariga għall-bqija taż-żmien ta' kariga tal-predeċessur tieghu*"[69]. Kif ingħad qabel, kien biss fit-28 ta' Awwissu, 2013, li l-Ministru bagħat jgħarraf lill-membri tal-Bord ta' qabel li kien laqa' l-offerta tar-riżenja li kienu għamlulu fit-13 ta' Marzu, 2013;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti hija tal-fehma li sat-28 ta' Awwissu, 2013, il-Bord li kien mogħni skond il-liġi bis-setgħa li jistħarreġ il-kontroversja mertu ta' dan il-każ kien il-Bord ta' qabel u mhux il-Bord il-ġdid. Dan ifisser li kull xogħol li sar mill-Bord qabel dik id-data kien *ultra vires* minn kull setgħa li tagħtih il-liġi;

Illi dan ifisser ukoll li kull ħidma li l-Bord wettaq meta ma kienx mogħni bis-setgħat li tagħtih il-liġi jiġi li hija bla effett. Dan jgħodd ukoll għar-Rapport li huwa r-riżultat tal-ħidma mwettqa mill-Bord meta ma kienx kostitwit kif imiss bil-liġi u li nħareġ f'data meta ma kenitx għadha ntbagħtet lill-membri tal-Bord ta' qabel l-ittra li għarrfithom li kienet laqgħet l-offerta tar-riżenja tagħhom;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-effett legali ta' din il-qagħda hi li kulma wettaq il-Bord qabel ma kien hekk kostitwit kif jixraq, ma jgħoddx u jmissu jitħassar bħallikieku ma sarx;

Illi l-Qorti tista' tagħżel li tieqaf hawnhekk fil-kunsiderazzjonijiet tagħha. Madankollu, jidhrilha li għandha tistħarreġ ukoll il-kawżali l-oħrajn li fuqhom l-attur isejjes il-każ tiegħu u li dan isir biex, fil-każ li l-kwestjoni tittieħed fit-tieni istanza, il-Qorti hekk adita jkollha quddiemha r-raġunament fuq il-każ kollu bla ma l-istess każ jitqasqas f'biċċiet għal rashom;

Illi għar-rigward tal-ilment dwar l-**eliġibilita' ta' wħud mill-membri** li jinħatru fuq il-Bord, jibda biex jingħad li l-liġi ma tgħidx min jista' jkun persuna xierqa biex toqgħod fuq il-Bord. Il-liġi fis-seħħ fiż-żmien rilevanti kienet tgħid min ma jistax ikun maħtur fuq il-Bord[70], u dan kien jirrigwarda tliet kategoriji ta'

[69] Art. 48(3) tal-Kap. 164
[70] Art. 48(4) tal-Kap 164

persuni: (a) uffiċjal pubbliku; (b) membru, uffiċjal jew impjegat ta' xi korp magħqud imwaqqaf bil-liġi; jew (ċ) membru tal-Kamra tad-Deputati jew membru jew impjegat ta' xi Kunsill Lokali;

Illi ma ntweriex li xiħadd mill-membri tal-Bord kienu jaqgħu f'xi waħda mill-imsemmija kategoriji;

Illi minbarra dan, l-attur innifsu iddikjara li ma kienx se jressaq sottomissjonijiet dwar dan l-aggravju tiegħu, fid-dawl tal-argument ewlieni tiegħu li, wara kollox, il-Bord ma kienx kostitwit kif imiss;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-attur irrinunzja għall-aggravju u, fiċ-ċirkostanzi, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tikkummenta aktar;

Illi t-tielet ilment tal-attur jirrigwarda l-**post fejn il-Bord żamm il-laqgħat** tiegħu biex jistħarreġ il-każ. L-attur jilminta li biex jindirizza t-talba li kien ressaq il-Prim Ministru dwar il-każ tiegħu, il-Bord tlaqqa' fil-bini tal-Ministeru minflok fil-bini li fih il-Bord kien jiltaqa' fih is-soltu;

Illi dwar din iċ-ċirkostanza tressqu provi[71] li juru li, fis-sajf tal-2013, fil-bini li fih kien jiltaqa' l-Bord (li jinsab fi Triq il-Merkanti, Valletta) kien qiegħed isir xogħol ta' tindif fuq talba li l-istess Bord kien għamel xi xhur qabel u l-post ma kienx aċċessibbli. L-attur ma meriex din il-prova. Għalkemm il-Qorti tifhem li ċ-ċirkostanza tad-disponibilita' temporanja ta' laqgħat sewwasew fil-bini tal-Ministeru tista' tagħti lok għal suspett ta' ndħil, ma ntweriex li l-fatt li l-Bord tlaqqa' fil-bini tal-Ministeru kien ċirkostanza li twassal lill-Qorti ssib li l-Bord mexa lil hinn mis-setgħat tiegħu jew li, b'daqshekk, seħħ xi ksur ta' xi waħda mill-kapijiet tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12;

Illi b'żieda ma' dan, meta l-attur issejjaħ biex jidher quddiem il-Bord, kien mgħarraf li l-laqgħa kienet sejra tinżamm f'dak il-bini u li kieku tassew kien iqis li l-attendenza tiegħu hemmhekk kienet abbużiva jew bi ksur tal-liġi, seta' jagħżel li ma jmurx jew li jirregola ruħu mod ieħor;

Illi għalhekk il-Qorti ma ssibx li dan l-aggravju tal-attur huwa mistħoqq;

Illi fir-raba' lment tiegħu l-attur isemmi l-**fatt li xi xhieda ssejħu minn uffiċjal fil-Ministeru** u mhux mill-Bord innifsu u lanqas mill-Kummissarju mħarrek;

[71] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġ. 246 tal-proċess

Illi mill-provi ħareġ li, minn tal-anqas fil-każ ta' Darryl Luke Borġ u ommu, dawn intalbu minn uffiċjal għoli fil-Ministeru biex jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem il-Bord u mhux għaliex issejħu mill-Bord jew mill-Kummissarju. Jidher li, sa dak il-ħin li Borġ dehru quddiem il-Bord, il-Bord lanqas kien jaf bil-preżenza tagħhom u li kien impjegat tal-Ministeru li għarraf lill-president tal-Bord li kien hemm "il-persuna nvoluta li trid tixhed" u l-Bord sejħilhom;

Illi l-attur jisħaq li dan il-mod kif issejħu persuni biex jidhru quddiem il-Bord ma jħarisx il-liġi u, fil-fehma tiegħu, huwa l-prova ta' ndħil mill-Ministeru fit-tmexxija tal-każ tiegħu;

Illi l-imħarrkin jgħidu li mkien fil-liġi ma jingħad li quddiem il-Bord jistgħu jixhdu biss persuni li jkunu tħarrku biex jidhru quddiemu. Iżidu jgħidu wkoll li l-liġi lanqas tgħid li x-xhieda ta' persuni li ma jkunux imħarrkin formalment mill-Bord jew mill-Kummissarju ma tiswiex;

Illi dak li jinteressa lill-Qorti f'każ ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa li l-awtorita' li tkun mistħarrġa tkun imxiet skond is-setgħat tagħha u b'ħarsien tar-regoli ta' ħaqq naturali. Hija taqbel mal-imħarrkin meta jgħidu li l-liġi ma torbotx lill-Bord li jisma' biss lil min ikun imħarrek, għalkemm ma tifhimx kif persuna se taqbad u toffri ruħha biex titkellem quddiem il-Bord meta, skond il-president, il-laqgħat tal-Bord mhumiex pubbliċi. Min-naħa l-oħra, il-fatt li persuni kienu mħeġġa (u dan b'ċerta insistenza) li jidhru quddiem il-Bord minn uffiċjal għoli fil-Ministeru jitfa' t-toqol ta' ndħil mhux xieraq fuq il-Bord fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu;

Illi l-fatt li l-Bord ma qiesx li l-mod tat-tressiq quddiemu tal-imsemmija żewġ persuni (Darryl Luke Borġ u ommu Jane Borġ) kien jikkostitwixxi ndħil fuq l-awtonomija tiegħu u tad-deliberazzjonijiet li għamel qabel ħareġ ir-Rapport, ma jfissirx li ma kienx hemm indħil. Jekk wieħed joqgħod fuq ix-xhieda ta' Jane Borġ[72], jidher li sar kull mezz biex hi u binha jidhru quddiem il-Bord bi pre-avviż mill-aqsar u saħansitra bl-offerta li jkollhom trasport provdut. Din ix-xhieda hija prova diretta ta' dak li sar u li, fiċ-ċirkostanzi, hija l-aħjar prova li tressqet. Iżda hija prova diretta u tajba biżżejjed biex fuqha l-Qorti tista' tibni fehma. Min-naħa l-oħra, għalkemm iż-żewġ partijiet fil-kawża indikaw lill-imsemmi uffiċjal bħala xhud tagħhom, baqgħu ma ressquhx, u la biex jikkonferma dak li ngħad dwaru minn Borġ u lanqas biex jiċħad;

Illi biex l-indħil li minnu jilmenta l-attur jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti ħalli tistħarrġu, ma kellux għalfejn ikun tali li jgħawweġ il-fehmiet tal-Bord. Il-Qorti ma għandhiex għaliex taħseb li l-Bord innifsu mexa b'ħażen jew ħalla l-indħil

[72] Xhieda tagħha f'paġġ. 84 – 6 tal-proċess

jiddetermina r-riżultanzi tiegħu. Ma tressqet l-ebda prova li turi li xi membru tal-Bord kien waqa' għall-influwenza ta' dak l-indħil. Imma l-fatt innifsu li ntwera ċertu akkaniment f'dak li kien qiegħed jagħmel il-Bord, min-naħa ta' persuna uffiċjali fil-Ministeru li ma kellhiex għalfejn tindaħal, jixħet dell fuq kulma kien għaddej, ukoll jekk il-Bord seta' ma kienx jaf bih;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li l-ilment tal-attur f'dan ir-rigward huwa mistħoqq;

Illi l-attur isejjes il-ħames aggravju fuq il-**fatt li meta ta x-xhieda tiegħu ma ntalabx li jieħu ġurament** u li dan sar bi ksur tal-liġi;

Illi huwa minnu li l-persuni li l-Bord sema' fl-istħarriġ tiegħu tal-każ tal-attur u sa ma wasal biex ħareġ bir-Rapport ma ngħatawx ġurament[73]. Ħareġ mill-provi wkoll li, f'xi okkażjonijiet, il-Bord sema' l-verżjonijiet ta' aktar minn persuna waħda mogħtijin fil-preżenza ta' xulxin fl-istess ħin[74];

Illi l-imħarrkin jisħqu li s-smigħ ta' xhieda mill-Bord mhuwiex tabilfors mitlub li jsir taħt ġurament u li l-liġi tagħti diskrezzjoni lill-Bord jekk xhud jinstemax taħt ġurament jew le;

Illi l-liġi fiż-żmien rilevanti għall-każ kienet tgħid[75] li l-Bord ikollu s-setgħa (li jeżerċitaha permezz taċ-*Chairperson*) li jħarrek xhieda biex jidhru quddiemu. Il-liġi tkompli tgħid li x-xhieda għandhom jinstemgħu taħt ġurament u li l-istess *Chairperson* jagħti l-ġurament lil kull xhud u lil kull persuna li tkun involuta fl-investigazzjoni ta' l-ilment, u li l-Bord iqis li dawn għandhom jixhdu;

Illi mill-kliem tal-liġi (u din il-fehma toħroġ ukoll daqstant ċara mill-verżjoni tagħha fl-ilsien ingliż), il-ħtieġa tal-għoti ta' xhieda taħt ġurament hija waħda mandatorja u tassattiva meta persuna tissejjaħ biex tixhed quddiem il-Bord. Fi kliem ieħor, id-diskrezzjoni li l-Bord għandu (u li għaliha jirreferu l-imħarrkin) hija dwar jekk, fit-tmexxija ta' xi investigazzjoni tiegħu, jismax xhieda jew le: imma ladarba jkun qatagħha li jrid jisma' xhieda, irid jismagħhom taħt ġurament. Kemm hu hekk, dispożizzjoni oħra tal-istess liġi[76] kienet tipprovdi dwar ħarsien ta' xiehda mressqa quddiem il-Bord li ma jkunux imġiegħla jwieġbu għall-ebda mistoqsija li tista' tikxifhom għat-teħid ta' proċeduri kriminali kontrihom u tagħtihom l-istess ħarsien mogħti lil xiehda meta msejħa quddiem Qorti (fejn, kif inhu magħruf, ix-xhieda tingħata biss taħt ġurament

[73] Affidavit tal-attur, xhieda ta' Darryl Luke Borġ, ta' Jane Borġ, u tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġġ. 30, 81, 87 u 244 tal-proċess
[74] Xhieda ta' Jane Borġ u tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġġ. 87 u 246 tal-proċess
[75] Art. 48(6) tal-Kap 164
[76] *Proviso* tal-art. 48(9) tal-Kap 164

jew taħt xi waħda oħra mis-suriet magħrufa ta' għoti ta' xhieda, bħalma hija d-dikjarazzjoni solenni);

Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li s-smigħ ta' persuni bla ma ngħatalhom il-ġurament jikkostitwixxi ksur ta' ħtieġa proċedurali mandatorja li l-Bord kien mistenni jħares u li tmur kontra l-liġi għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(iii) u (iv) tal-Kap 12;

Illi bis-sitt ilment l-attur jisħaq li **ma tħarsux il-prinċipji ta' ħaqq naturali** billi fl-ebda waqt ma kien mgħarraf li dak li xehed kien jista' jintuża fi proċeduri kontrih jew kien ingħata twissija biex ma jwieġeb xejn li seta' jinkriminah;

Illi b'mod partikolari, l-attur jgħid li meta deher quddiem il-Bord ma kien ingħata l-ebda ħjiel li l-istħarriġ kien jirrigwarda mġiebtu u wisq anqas ingħata xi twissija mill-Bord li dak li kien se jgħid seta' jintuża kontrih f'xi proċedimenti oħrajn. Jgħid li, ladarba dak li qal ma kienx ingħad taħt ġurament, aktar tah x'jifhem li l-Bord bagħat għalih biex jikseb tagħrif dwar x'ġara aktar milli biex jistħarreġ l-imġiba tiegħu. Minħabba f'hekk, l-attur jgħid li l-Bord naqas li jħares il-prinċipji ta' ħaqq naturali bi ħsara għall-jeddijiet tiegħu;

Illi l-imħarrkin jisħqu li l-attur kien mgħarraf sewwa minn qabel għal liema raġuni kien issejjaħ biex jidher quddiem il-Bord. Jgħidu li dan, fih innifsu, huwa l-prova li tħarset waħda mill-prinċipji tal-ħaqq naturali – jiġifieri li l-parti tkun mismugħa u li tgħid tagħha ("*audi alteram partem*")[77].

Illi l-Qorti fliet sewwa l-provi li l-partijiet ressqu quddiemha u ma ssibx li dan l-ilment tal-attur huwa mistħoqq. Fl-ewwel lok, fl-avviż li ntbagħat lill-attur biex jidher quddiem il-Bord[78] ingħadlu b'mod ċar li huwa ntalab iwieġeb għal mistoqsijiet. Dan l-avviż ma jistax jinfatam miċ-ċirkostanzi tal-ġrajjiet li kienu għaddejjin dak iż-żmien u li kienu ngħataw pubbliċita' wiesgħa u kontinwa fil-meżżi tax-xandir u fl-istampa. L-attur ma setax ma kienx jaf bil-kontroversja li xegħlet pubblikament f'Malta f'dawk il-jiem u li fiha ismu kienu tiela' u nieżel flimkien ma' dawk ta' oħrajn. Il-Qorti ma tarax kif l-attur, uffiċjal għoli fil-Korp tal-Pulizija u huwa nnifsu wieħed mill-persuni li kien f'nofs l-imsemmija kontroversja, ma għaddhielux minn moħħu li meta ssejjaħ biex jidher quddiem il-Bord seta' jkun mistoqsi dwar l-imġiba tiegħu fil-każ tas-serqa u tat-tressiq ta' persuni mixlijin bl-istess. Fit-tieni lok, l-avviż intbagħtlu tlitt ijiem qabel ma kellu jidher quddiem il-Bord, li kien pre-avviż biżżejjed biex l-attur seta' ħa parir legali jew saħansitra jitlob li jidher mgħejjun minn avukat. Dan qiegħed

[77] J.M. Evans *op. cit.* paġ. 196
[78] Dok "ET2", f'paġ. 145 tal-proċess

jingħad għaliex, fl-affidavit tiegħu stess[79], huwa jgħid li fl-10 ta' Awwissu, 2013, meta kien sejjaħlu s-Suprintendent Valletta fid-Depot, l-attur kien sar jaf li l-Bord tlaqqa' u kien beda jisma' x-xhieda dwar il-każ, magħdud sehem l-attur innifsu fil-ġrajja kollha. Fit-tielet lok, l-attur huwa uffiċjal imrawwem fil-Korp b'esperjenza li huwa nnifsu jistqarr li jħaddan u, fosthom, dik li jaf x'inhuma l-prekawzjonijiet u t-twissijiet li jingħataw lil persuni li jkun qiegħed huwa nnifsu jistħarreġ meta jitlobhom jagħtu stqarrijiet ("*statements*"), ukoll meta ma jkunux taħt ġurament. Fir-raba' lok, ħareġ mix-xhieda[80] li l-attur kien diġa' kellu każ ieħor quddiem il-Bord u li d-dehra tiegħu dakinhar tad-19 ta' Awwissu, 2013, ma kinitx l-ewwel darba li deher u ta x-xhieda tiegħu. L-attur la ċaħad u lanqas miera din ix-xhieda;

Illi fid-dawl ta' din il-ġabra ta' ċirkostanzi, il-Qorti ma ssibx li l-ilment tal-attur huwa mistħoqq dwar il-mod kif il-Bord mexa miegħu hu u jagħti x-xhieda tiegħu quddiemu (salv dak li ngħad qabel dwar il-kwestjoni tan-nuqqas formali maħluq bin-nuqqas ta' għoti ta' ġurament), jew li kien hemm ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq b'ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin bħala li mhix mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' limitatament l-ewwel eċċezzjoni preliminari** fil-konfront ta' l-Inġinier Keith Chetcuti bħala s-Segretarju tal-Bord u fil-konfront tal-Imħallef Emeritu Dr Franco Depasquale bħala ċ-*Chairperson* tal-Bord, u ssib li tħarrku ħazin għaliex mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u teħlishom milli jibqgħu iżjed fil-kawża bi spejjeż għall-attur; imma **tiċħadha fil-bqija** billi ssib li kemm il-Ministru u kemm il-Kummissarju tal-Pulizija huma l-kontradituri leġittimi tal-azzjoni attriċi;

**Tilqa' t-talba attriċi** u ssib li l-għemil tal-Bord fl-istħarriġ tal-każ kontra l-attur u li ntemm bil-ħruġ ta' rapport tas-26 ta' Awwissu, 2013, ma jiswiex għaliex imwettaq lil hinn mis-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi u liema għemil huwa mingħajr effett fil-liġi u għalhekk il-Qorti qiegħda tħassar dak l-għemil; u

**Tordna li l-ispejjeż tal-kawża**, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tas-16 ta' Marzu, 2015, jitħallsu mill-imħarrkin Onorevoli Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali, mill-Kummissarju tal-Pulizija u mill-Avukat Ġenerali flimkien u solidalment bejniethom, ħlief għal dawk marbutin mal-imħarrkin

[79] Paġ. 29 tal-proċess
[80] Xhieda tal-Imħallef Emeritu Franco Depasquale f'paġġ. 244 – 5 tal-proċess

Inġinier Keith Chetcuti u Imħallef Emeritu Franco Depasquale, fil-kwalita' tagħhom imsemmija, li jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' Novembru, 2017**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Registratur**

**7 ta'Novembru, 2017**